

OPINJONI MOTIVATA: PROPOSTA GĦAL-REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL BIEX TEMENDA IR-REGOLAMENT(KE) NRU 216/2008 FIL-QASAM TAL-AJRUDROMI, TAL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU U TAS-SERVIZZI TAN-NAVIGAZZJONI TAL-AJRU (KUMM (2013) 409)

1 Raġunijiet

L-Artiklu 6 tal-Protokoll Nru. 2 fuq l-Applikazzjoni tal-Prinċipji ta' Sussidjarjetà u ta' Proporzjonalità, anness mat-Trattat ta' Lisbona jipprovdi li kull Parlament Nazzjonali jista', fi żmien tmien ġimgħat mid-data minn meta jirċievi abbozz ta'att leġislattiv uffiċjali tal-Unjoni, jibgħat lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni opinjoni motivata bir-raġunijiet li għalihom iqis li l-abbozz in kwistjoni ma jimxix mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

2 Opinjoni Motivata

Is-setgħa tal-Unjoni li taġixxi

Il-Parlament Malti iqis li l-Proposta tonqos milli tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà minħabba li l-Kummissjoni naqset milli tressaq evidenza ċara ta' hteieġa għal azzjoni leġislattiva minn naħa ta' l-Unjoni Ewropeja (UE). Hteieġa għall-azzjoni mill-Unjoni huwa pre-rekwiżit kemm għal azzjoni fuq livell ta' UE kif ukoll biex tintlaħaq konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Hteieġa għal azzjoni mill-UE għanda tkun sostanzjata minn evidenza miġbura u evalwata f'valwazzjoni tal-impatt, aktar milli minn perċezzjoni ta' bżonn li naġixxu. L-ispjegazzjoni tal-Kummissjoni kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt huma bbażati fuq il-perċezzjonijiet ta' hteieġa ta' azzjoni, li huma suġġettivi, b'kuntrast ma' evidenza oġġettiva ta' bżonn ta' azzjoni. Dan meta il- blokko tal-ispazju tal-ajru funzjonali (FABs) imwaqqfa skont Regolamenti tal-UE għadhom kemm jibdedw jiffunzjonaw u għandhom ikollhom riżultati fix-xhur u snin li ġejjin. F'dan l-istadju m'hemm ebda evidenza ċara għaliex il-leġislazzjoni f'dan il-qasam għandu jiġi propost fuq livell Ewropew jew ta' dak li se jinkiseb permezz ta' din il-leġislazzjoni kif proposta.

Il-Proposta tikkomplimenta Proposta oħra li qed tintroduċi kunċetti radikali b'effett mil-2020, maħsuba biex tindirizza problemi li jitqiesu attwali mal-FABs. F'konformità mal-aħħar pakkett tas-SES (l-Ajru Uniku Ewropew), dawn l-FABs uffiċjalment bdew joperaw f'Diċembru ta' 2012 u jidher li l-Kummissjoni stenniet li l-iskadenza ta' Diċembru 2012 kellha twassal għal riżultati pożittivi mil-FABs. Dan m'huwiex realistiku, meta wieħed iqis li l-FABs huma gruppi reġjonali u jeħtieġu ż-żmien biex jibdedw jagħtu r-riżultati mixtieqa. Wieħed għalhekk jistenna li l-Kummissjoni kellha tagħti aktar żmien għall-FABs biex jistabbilixxu ruħhom b'mod xieraq u jibdedw jagħtu r-riżultati mixtieqa, aktar milli tfassal bidliet radikali għal tmien snin fil-ġejjieni.

Il-Parlament Malti jemmen li f'dan l-istadju kull azzjoni fuq livell Ewropew għandha tkun biss ta' natura mhux leġislattiva. Hekk biss tista' tiġi kkunsidrata u nkorporata d-diversità tal-FABs Ewropej u l-azzjoni tkun proporzjonali mal-kompettittività ta' dan is-settur kif ukoll tikkunsidra b'mod xieraq in-natura ta' dan is-servizz fejn is-sikurezza ma tistax tiġi affettwata. Għaldaqstant, ma jkunx għaqli li tittieħed azzjoni leġislattiva meta l-qafas kurrenti tal-FABs

għadu ma ġiex użat. Għal dawn ir-raġunijiet nemmnu li ċ-ċertezza legali għandha tinkiseb permezz ta' miżuri li diġa' jeżistu kif ukoll minn miżuri oħrajn ta' gwida u trasparenti, flimkien ma' azzjoni f'każ fejn ikun hemm problemi.

Sa llum il-ġurnata, il-Kummissjoni ma pprovditx evidenza konvinċenti biżżejjed li turi li l-miżuri proposti ġew evalwati permezz ta' *safety case*. Fil-qasam tal-avjazzjoni l-ebda tibdil fis-servizzi li jingħataw mill-Fornituri tas-Servizz tan-Navigazzjoni bl-Ajru (ANSPs) ma għandu jiġi propost u inqas imwettaq jekk ma jkunx żgurat li m'hemmx riskji ta' *safety*. Diversi problemi fil-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-ajru Ewropew diġa' qegħdin jiġu indirizzati mill-FABs reġjonali li ġew imwaqqfa skond il-pakkett kurrenti tal-Ajru Uniku Ewropew u għalhekk din il-Proposta m'hijiex neċessarja, u ħa tohq sitwazzjoni kumplessa li tħalli impatt negattiv fuq is-settur.

F'dan ir-rigward, huwa prematur li f'dan l-istadju jiġu kkunsidrati reviżjonijiet ta' natura leġiżlattiva.

Miżuri fil-Proposta

L-iżvilupp tal-qafas tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), stabbilit b'mod partikolari fir-Regolament (KE) Nru 216/2008, hu marbut mal-iżvilupp tal-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew. L-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew (Single European Sky/SES) għandha l-għan li ttejjeb l-effiċjenza ġenerali tal-mod li bih l-ispazju tal-ajru Ewropew jiġi organizzat u mmaniġġjat permezz ta' riforma tal-industrija li tipprovdix servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ANS). L-iżvilupp ta' din l-inizjattiva inkluda żewġ pakketti leġiżlattivi komprensivi – SES I u SES II, komposti minn erba' Regolamenti, jiġifieri r-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004, u jinkludi wkoll proġett komprensiv biex jiġi mmodernizzat it-tagħmir u s-sistemi ta' servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru taħt l-intestatura *Single European Sky ATM Research* (SESAR).

Fl-2009, ir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 estenda l-kompetenzi tal-EASA biex tinkludi l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ATM/ANS). Filwaqt li dan implika wkoll l-inkorporazzjoni ta' diversi elementi ta' regolamenti tekniċi b'rabta mal-ATM/ANS fl-ambitu tal-EASA, it-tibdiliet korrispondenti fl-erba' Regolamenti tal-Ajru Uniku Ewropew ma tlestewx fl-istess ħin. Minflok, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ippreferew iħallu l-kompetenzi korrispondenti u eżistenti fl-erba' Regolamenti tal-Ajru Uniku Ewropew imsemmija hawn fuq intatti, u dan biex jiżguraw li ma jkun hemm ebda lakuna matul il-bidla mill-qafas legali l-qadim għall-ġdid u anki biex isostnu l-idea li l-qafas il-ġdid ibbażat fuq l-EASA għandu jinbena fuq il-prinċipji tal-Ajru Uniku Ewropew eżistenti.

Il-leġiżlaturi indirizzaw din is-sovrapożizzjoni fir-Regolamenti billi żiedu Artiklu ġdid, l-Artiklu 65a, fir-Regolament (KE) Nru 216/2008. Dan l-Artiklu jeżiġi li l-Kummissjoni tipproponi emendi fl-erba' Regolamenti tal-Ajru Uniku Ewropew biex jitqiesu r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

It-tieni nett, hemm diskrepanza aktar ġenerali bejn l-approċċ użat għas-setturi l-oħrajn kollha tal-avjazzjoni (in-navigabbiltà, l-għoti ta' liċenzji lill-ekwipaġġ, l-operazzjonijiet fl-ajru, eċċ.) fil-qafas tal-EASA u fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM/ANS). Ġeneralment l-approċċ ikun li

r-Regolamenti tekniċi kollha jkunu kkonċentrati fl-ambitu tal-EASA sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Artiklu 2 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-regolamentazzjoni ekonomika ssir mill-Kummissjoni. Madankollu, fl-ATM/ANS (jiġifieri l-Ajru Uniku Ewropew), l-istampa hija aktar imħallta b'Regolamenti tekniċi ġejjin minn bosta sorsi. Għalhekk, ikun ta' benefiċċju jekk jiġi żgurati approċċ armonizzati f'dan il-qasam regolatorju importanti u l-konsultazzjonijiet kollha jitmexxew bl-istess profondità, ir-regoli kollha joqogħdu għall-istess struttura u jservu l-istess għanijiet tant li jiffaċilitaw il-ħajja ta' dawk responsabbli mill-applikazzjoni tar-regoli, u fl-aħħar nett ikun aċċertat li l-mewġa imminenti ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi li jirriżultaw mill-inizjattiva SESAR ikunu jistgħu jiġu implimentati b'mod koordinat fit-tagħmir u l-proċeduri kemm tal-ajru u kif ukoll fuq l-art.

Din l-inizjattiva regolatorja għandha l-għan li tissodisfa r-rekwiżit tal-Artiklu 65a billi tħassar is-sovrappożizzjonijiet fir-Regolamenti dwar l-Ajru Uniku Ewropew u l-EASA u billi tissimplifika u tiċċara l-linja li tifred il-qafas legali tal-EASA minn dak tal-Ajru Uniku Ewropew. Permezz ta' dan, l-emenda ssostni wkoll l-oġġettiv politiku li tiġi żgurata ċ-ċarezza tal-kompiti bejn il-Kummissjoni, l-EASA u l-organizzazzjoni tal-EUROCONTROL hekk li l-Kummissjoni tiffoka fuq ir-regolamenti ekonomiċi u tekniċi, billi l-EASA tagħxi bħala l-aġent tagħha fejn jidħol l-abbozzar u s-sorveljanza tar-Regolamenti tekniċi, filwaqt li l-EUROCONTROL tiffoka fuq il-kompiti operattivi, b'mod partikulari dawk mibnija madwar il-kunċett tal-Maniġer tan-Netwerk.

Apparti t-tħassar ta' xi diżpożizzjonijiet tal-Ajru Uniku Ewropew bħala parti mir-riformulazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew, huma meħtieġa wkoll xi addattamenti żgħar fir-Regolament (KE) Nru 216/2008, minħabba li preċedentement it-test ta' dan ir-Regolament kien joqgħod fuq it-terminoloġija ta' xi diżpożizzjonijiet tal-Ajru Uniku Ewropew – b'mod partikulari fil-qasam tal-interoperabilità – u għalhekk trid tiġi introdotta l-istess terminoloġija fir-Regolament (KE) Nru 216/2008 la darba issa qed titħassar mill-erba' Regolamenti tal-Ajru Uniku Ewropew

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM (SESAR) jirrikjedi miżuri regolatorji f'varjetà wiesgħa ta' kwistjonijiet tal-avjazzjoni. Kien hemm żmien meta l-koordinazzjoni u l-allinjament tar-regoli (per eżempju, bejn il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-ajrunavigabbiltà) ħolqot problemi billi ma kien hemm l-ebda koordinatur ċentrali li jiżgura l-konsistenza bejn l-abbozzi ppreparati minn kontributori differenti. Din il-problema ma teżistix f'oqsma oħra apparti dawk tal-ATM/ANS għaliex l-EASA tipprepara u tikkoordina firxa sħiħa ta' regoli tekniċi, filwaqt li l-ATM/ANS xorta nqasmet bejn żewġ oqsma. L-emenda għall-Artiklu 2 tenfasizza li l-ATM/ANS għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħal f'setturi oħra. B'mod aktar speċifiku, biex tappoġġja l-Kummissjoni fl-abbozzar ta' regoli tekniċi, l-EASA għandha taddotta approċċ ibbilanċjat biex tirregola l-attivitajiet differenti, approċċ ibbażat fuq il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, fuq livelli aċċettabbli marbuta mas-sikurezza u fuq ġerarkija definita ta' riskji għall-utenti biex tiżgura l-iżvilupp komprensiv u koordinat tal-avjazzjoni.

Ir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 introduċa l-possibiltà ta' awtodikjarazzjoni, aktar milli ċertifikazzjoni, ta' ċerti servizzi marbuta mal-informazzjoni dwar it-titjiriet. It-test tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 ġie addattat kollu kemm hu sabiex jittieħed kont ta' din il-possibiltà fil-partijiet differenti fejn tissemma ċ-ċertifikazzjoni.

L-Artiklu 8b ġie emendat sabiex it-test jiġi allinjat mal-Proposta li tħassar ir-Regolament (KE) Nru 552/2004, u b'hekk jiġi żgurati li l-prinċipji u l-kunċetti eżistenti tar-Regolament tal-

interoperabbiltà (KE) Nru 552/2004 jibqgħu hemm. Ġie kkoreġut żball fil-parti (2)(c)(iv) b'mod li t-test jerġa' jinġieb konformi mad-diżpożizzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) kif ukoll mar-regoli eżistenti tal-UE. Dan kien żball mhux intenzjonat fl-abbozzar tar-Regolament (KE) Nru 1108/2009. Kien wassal għal rekwiżit xejn fattibbli biex il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jipprovdu lill-inġenji tal-ajru b'distanza mill-ostakli anke meta dawn ikunu barra ż-żona ta' manuvrar tal-ajrudrom.

It-tieni, fil-partijiet (2)(g) u (2)(h), kif ukoll fil-parti 3, iddaħħal xi test mir-Regolament (KE) Nru 552/2004 biex jiġi enfasizzat il-fatt li l-approċċ użat biex jirregola dawn il-kwistjonijiet ma jinbidilx bla bżonn minn kif inhu llum. Dawn iż-żidiet ma jbidlux il-kamp ta' applikazzjoni, iżda jkomplu jallinjaw l-oqfsa tal-Ajru Uniku Ewropew u tal-EASA.

Sar numru żgħir ta' korrezzjonijiet tipografiċi (per eżempju fl-Artiklu 7) u saru wkoll xi emendi editorjali żgħar fir-regoli (fl-Artiklu 9, 19 u 33) fejn it-test ma kienx jirrifletti s-sitwazzjoni attwali wara l-emendi preċedenti f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, saru xi tibdiliet żgħar (pereżempju fl-Artiklu 52, 59 u fl-Anness Vb) sabiex jiġu evitati tibdiliet mhux intenzjonati fil-prinċipji li ilhom miftiehma fl-Ajru Uniku Ewropew mill-2004.

Ir-Regolament ġie allinjat ukoll mar-reġim stabbilit bl-Artikli 290 u 291 tat-TFUE u bir-Regolament (KE) Nru 182/2011, li jirregolaw l-użu ta' atti ta' implimentazzjoni u ta' atti ta' delega. Aktar minn hekk, ġew inklużi l-elementi ewlenin tad-dispożizzjonijiet standard miftiehma għall-Atti li fuqhom huma bbażati l-aġenziji skont il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati, ta' Lulju 2012. Dan il-ftehim jinkludi wkoll l-istandardizzazzjoni tal-ismijiet tal-Aġenziji tal-UE, sabiex l-isem tal-EASA jiġi mmodifikat għal Aġenzija tal-Unjoni Ewropeja għall-Avjazzjoni (EAA).

Peress li ġie abbozzat memorandum ta' spjegazzjoni separat biex jakkumpanja l-Proposta ta' riformulazzjoni tal-erba' Regolamenti tal-Ajru Uniku Ewropew Nri 549-552/2004, dan id-dokument prinċipalment fih l-emendi meħtieġa fir-Regolament 216/2008 biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-approċċ attwali tal-Ajru Uniku Ewropew wara l-allinjament tal-erba' Regolamenti tal-Ajru Uniku Ewropew skont l-Artikolu 65a tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

Konklużjoni

Din il-Proposta tikkomplimenta il-Proposta għal Regolament dwar l-Implementazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew¹-fuq liema Proposta l-Parlament Malti kkonkluda li l-Kummissjoni naqset milli tressaq evidenza ċara ta' hteġa ta' azzjoni leġiżlattiva minn naħa ta' l-Unjoni Ewropea u ta' dak li se jinkiseb permezz ta' din il-leġiżlazzjoni kif proposta. Il-Proposta ma tagħtix biżżejjed każ tal-aspett ta' *safety* qabel ma tibda s-separazzjoni ta' servizzi ta' appoġġ mis-servizzi tat-traffiku tal-ajru. Għalkemm separazzjoni ta' dawn is-servizzi jista' jkun possibli fil-ġejjieni fiċ-ċentru tal-Ewropa, dan ikun ħafna aktar diffiċli li jitwettaq f'pajjiżi fit-tarf tal-Ewropa, fejn fil-każ ta' Malta jinkludi pajjiżi tat-tramuntana tal-Afrika li m'humiex regolati bl-istess mod bħall-pajjiżi Membri tal-UE. Il-Kummissjoni wkoll, f'Artiklu 10 ta' Kumm (2013) 410, tipproponi miżuri li jistgħu jaffettwaw negattivament is-sistemi ta' relazzjonijiet industrijali li huma stabbiliti fl-Istati Membri.

¹ Kumm (2013) 410

Il-Parlament Malti ddeċieda li joġġezzjona għall-Proposta u li jwassal din l-opinjoni motivata skont il-proċedura definita fl-Artiklu 6 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji ta' Sussidjarjetà u ta' Proporzjonalità anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.